MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1560/1993/2

**Victoria mart Raymond Cassar u l-istess Raymond Cassar bhala l-amministratur tal-beni parafernali ta' martu**

**vs**

**Carmel Schembri bhala c-*Chairman* in rapprezentanza tal-*Port Workers Board* u b'digriet datat 23 t'April, 2012, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Charles Abela bhala c-*Chairman* in rapprezentanza tal-*Port Workers Board***

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni fuq indikata datata d-9 ta' Dicembru, 1993, li permezz taghha l-atturi ppremettew sintetikament is-segwenti:

1. Illi missier l-attrici, certu Carmelo Abela, rtira mix-xoghol bhala haddiem tal-port fl-1 t'Awwissu, 1992;

2. Illi l-attrici Victoria Cassar, mart Raymond, hi l-akbar fost it-tlett ibniet ulied l-imsemmi Carmelo;

3. Illi l-procedura wzata biex jimtela' l-post vakat minn haddiem tal-port meta jirtira bl-eta` hi dik regolata mill-artikolu 5 (1) tal-*Port Worker Regulations 1996*:

4. Illi l-artikolu ndikat fil-paragrafu precedenti jistipula s-segwenti:

"Eligibility to fill a vacancy shall be limited to the son or to the elder from among the sons of a port worker who was a port worker in the Federal cargo, stevadores or in the port labourers section …";

5. Illi l-artikolu 4 (b) ta' l-Att Dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistabbilixxi li:

"kliem li juru gens maskili jinkludu l-gens femminil";

6. Illi bhala l-akbar fost il-bniet ulied l-imsemmi Carmelo Abela li rtira mix-xoghol ta' haddiem tal-port, l-attrici Victoria Cassar ghandha kull dritt li timla' l-post vakat minn missierha;

7. Illi l-istess attrici ghandha t-titolu legali li tapplika u tkun accettata mill-konvenut nomine biex tkun ufficcjalment registrata fir-registru tal-haddiema prospettivi tal-port;

8. Illi sejhet lill-konvenut nomine biex jawtorizzaha tirregistra ufficcjalment fir-registru relattiv tal-haddiema prospettivi tal-port izda dan impediha;

9. Illi saret ukoll taf li hu missierha, certu Joseph Abela, applika minghajr il-kunsens u awtorita` ta' missierha u/jew taghha, u gie accettat mill-konvenut nomine biex jirregistra ismu minflokha fir-registru in dizamina biex fi zmien qarib l-istess zijuha ser jinghata l-

impjieg ta’ haddiem tal-port mill-konvenut nomine biex jimla’ l-post vakat minn missier l-attrici;

10. Illi ghalhekk l-attrici ser tbati danni kbar bl-agir abbuziv u pregudizzjali tal-konvenut nomine stante li l-oghti tal-impjieg bhala haddiem tal-port lil Joseph Abela ser jissostitwixxi t-titolu legali li ghandha l-attrici ghall-istess impjieg bhala s-successur legittima ta’ missierha;

11. Illi konsegwenza tas-suespost, l-imsemmija attrici kellha tirrikorri ghal din il-procedura kontra l-konvenut nomine biex dan jghid ghaliex il-qorti m’ghandhiex:

i. Tordna lill-konvenut nomine biex ma jimpjega lill-ebda persuna bhala haddiem tal-port biex jimla’ l-post vakat minn missier l-attrici;

ii. Tordna lill-konvenut nomine biex ihalli lill-attrici tirregistra ufficcjalment isimha fil-ktieb tal-haddiema prospettivi tal-port;

iii. Tillikwida kwalsiasi danni li tista’ ssofri l-attrici kemm –il darba l-konvenut nomine idahhal xi persuna sabiex jimla’ l-post vakanti li halla missierha meta rtira;

iv. Tikkundanna lill-konvenut nomine jhallas lill-attrici d-danni kollha likwidati rizultanti mit-talba precedenti;

v. Bl-ispejjez kif indikati fl-istess citazzjoni li tat bidu ghall-procedura odjerna;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet datata l-11 ta’ Jannar, 1994, li permezz taghha l-konvenut nomine eccepixxa sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-ewwel domanda hi inutili u ma tistax tigi akkolta stante li l-vakanza de quo giet mimlija skont ir-Regolamenti tal-1993 dwar il-Haddiema tal-Port;

2. Illi t-tieni domanda ghandha tigi michuda peress li l-attrici qatt ma kienet impeduta milli tirregistra ufficcjalment fil-ktieb tal-haddiem prospettivi tal-Port u ghal kuntrarju, kienet hi li naqset tottempora ruhha mal-artikolu 13 tar-Regolamenti fuq indikati;

3. Illi ghaldaqstant, l-attrici tilfet kull beneficcju li seta' kellha;

4. Illi ghalhekk it-tielet u r-raba' domandi ghandhom ukoll jigu respinti;

Ezaminat ix-xhieda mismugha minn din il-qorti diversament preseduta;

Ezaminat id-dokumenti pprezentati in atti;

Ezaminat in-nota t'osservazzjonijiet tal-attrici datata t-22 t'Awwissu, 1995;

Ezaminat in-nota responsiva tal-konvenut nomine datata l-5 ta' Settembru, 1995;

Rat l-ordni ta' din il-qorti diversament preseduta datat il-5 t'Ottubru, 1995, li permezz tieghu l-kawza odjerna thalliet ghas-sentenza ghad-data hemm indikata, (ara fol 177 et sequitur);

Rat ir-rikors tal-attrici Victoria Cassar datat l-1 ta' Dicembru, 1998, li permezz tieghu, wara li ppremettiet li s-sentenza mwieghda kienet ghadha ma nghatatx nonostante t-trapass ta' tlett (3) snin shah, talbet li din il-kawza tigi deciza, (ara fol 195 et sequitur);

Rat is-sentenza in parte ta' din il-qorti diversament preseduta datata s-7 ta' Mejju, 1999 li sintetikament ghar-ragunijiet hemm esposti:

1. Cahdet it-tieni eccezzjoni tal-konvenut nomine li l-attrici tilfet kull beneficcju li seta' kellha minhabba li naqset li tottempora ruhha mar-Regolamenti tal-Bord b'mod partikolari li tapplika lill-awtorita`

kompetenti tempestivament fiz-zmien statutorjament stabbilit;

2. Dan, bl-ispejjez ghall-konvenut nomine;

3. Illi ghal bqija ghandha tissoprassjedi u ma tippronunzjax gudizzju qabel ma jkun gie epurat u deciz il-kwezit kostituzzjonali sollevat mill-attrici formalment fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha, u dan, quddiem il-qorti kompetenti fil-konfront ta’ min kien bil-ligi l-legittimu kontradittur;

4. Illi ghalhekk il-kawza thalliet *sine die* riappuntabbli b’rikors minn xi parti;

Rat ir-rikors tar-Registratur tal-Qorti a fol 215 et sequitur, li permezz tieghu wara li nfurmat lil din il-qorti diversament preseduta li l-process kien intilef u effettivament spicca anke dikjarat dezert, dan kien gie sussegwentement rintraccat u ghalhekk intalab li din il-qorti tirrevoka *contrario imperio* l-istess digriet ta’ dezerzjoni biex il-kawza terga’ tigi dikjarata *sine die* pendenti l-ezitu tal-kawza kostituzzjonali li nfethet b’rizultat tas-sentenza parzjali fuq riferita;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-20 t’April, 2001, li permezz tieghu laqghet it-talbiet riferiti fil-paragrafu precedenti;

Rat ir-rikors tal-attrici datat is-6 ta’ Marzu, 2002, li permezz tieghu wara li ppremettiet illi l-kawza kostituzzjonali li ntavolat in konsegwenza ghas-sentenza parzjali fuq riferita kienet issa giet konkluza b’mod finali u ghaddiet in gudikat u in effetti kien gie hemm sintetikament deciz li:

i. Ir-Regolamenti hemm sindakati kienu diskriminatorji fuq bazi ta’ sess u ghalhekk gew dikjarati nulli u minghajr effett;

ii. Il-konvenut Carmel Schembri ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bord tal-Haddiema tal-Port gie ordnat

ihalli lill-attrici tirregistra bhala persuna elegibbli fir-Registru tal-Haddiema tal-Port, u dan, b'effett retroattiv mill-1 t'Awwissu, 1992;

Illi ghalhekk l-attrici talbet li l-kawza odjerna tigi riappuntata;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat is-6 ta' Marzu, 2002, li permezz taghha laqghet it-talba de quo u rriappuntat il-kawza;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat id-9 t'Ottubru, 2003, fejn ghar-raguni hemm indikata l-kawza giet differita *sine die*;

Rat id-digriet tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat is-27 t'Ottubru, 2003, li permezz tieghu laqghet it-talba tar-rikorrenti tat-13 t'Ottubru, 2003, u rriappuntat il-kawza skont il-ligi;

Rat il-verbal tal-partijiet datat l-4 ta' Novembru, 2004, li permezz tieghu gie registrat is-segwenti:

"il-partijiet … jaqblu illi l-attrici Victoria Cassar tista' tigi registrata bhala haddiem prospettiv jew persuna elegibbli biex tigi konsidrata bhala haddiem tal-Port wara li jigu sodisfatti certi kriterji li jsiru normalment u cioe`, li jsir *test* mediku u li tigi ezaminata l-kondotta tal-attrici. Il-partijiet qed jiftiehmu wkoll li dwar il-produzzjoni da parti tal-attrici ta' licenzja tas-sewqan il-partijiet ser jaghmlu verifiki ulterjuri";

"Wara li jigu sodisfatti dawn il-kriterji l-attrici tkun tista' tigi registrata bhala persuna eligibbli biex tigi konsiderata bhala haddiem tal-Port wara li rtira missierha Carmelo Abela mix-xoghol u dan, ai termini tas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali", (ara fol 271 et sequitur);

Rat il-verbal tad-19 ta' Mejju, 2005, fejn il-partijiet infurmaw lill-qorti li kienu qed jippruvaw jitransiegu, (ara fol 273 et sequitur), ghalkemm fil-verbal tas-7 ta' Frar,

2006, giet infurmata li t-transazzjoni awspikata ma sehhitx, (ara fol 275 et sequitur);

Rat in-nota tal-atturi datata l-5 ta' Settembru, 2006, li permezz taghha in vista tal-proceduri s'issa mehuda ddikjaraw sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-ewwel u t-tieni talbiet kontenuti fic-citazzjoni promotrici in dizamina huma ezawriti;

2. Illi ghalhekk, ghad ghandhom jigu epurati t-tielet (3) u r-raba' (4), (u ovvjament it-talba enumerata bin-numru V hawn riprodotta sintetikament aktar 'il fuq, li jitrattaw id-danni allegatament sofferti minnhom sal-lum;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-20 ta' Mejju, 2009, li permezz tieghu hatret assistent gudizzjarju biex tisma' l-provi li fadal;

Rat id-digriet tal-istess qorti ndikata fil-paragrafu precedenti datat is-26 ta' Jannar, 2010, li permezz tieghu rrevokat in-nomina precedenti;

Rat in-nota tal-attrici mmarkata Dok AL 1 datata t-28 t'April, 2010, li permezz taghha l-istess attrici elenkat dettaljatament id-danni minnha sofferti, (ara fol 366 u 367 et sequitur);

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi datata l-31 t'Awwissu, 2011;

Rat in-nota responsiva tal-konvenut nomine datata t-23 ta' Settembru, 2011;

Rat id-digriet taghha datat it-23 t'April, 2012, fejn wara r-rikors appozitu datat id-19 t'April, 2012, ordna t-trasfuzjni mitluba;

Ezaminat id-dokumenti kollha esebiti;

Ezaminat ix-xhieda kollha prodotta, anke dawk quddiemha diversament preseduta;

Semghet it-trattazzjoni orali finali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi preliminarjament ghandu mmedjatament jinghad li tenut kont tal-iter gudizzjarju riskontrat f'din il-procedura:

i. *in primis*, in vista tas-sentenza parzjali ta' din il-qorti diversament preseduta datata s-7 ta' Mejju, 1999, u tas-sentenzi tal-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali), datata d-19 t'Ottubru, 2000, u tal-Qorti Kostituzzjonali, datata t-2 ta' Novembru, 2001, u

ii. *in secundis*, tal-verbal tal-atturi datat il-5 ta' Settembru, 2006, fuq indikat fejn illimitat il-vertenza odjerna fuq il-*quantum* tad-danni minnhom allegatament sofferti;

din is-sentenza hi ghalhekk limitata u cirkoskritta ghall-epurazzjoni tal-istess danni rikjamati stante li l-meritu rigwardanti r-registrazzjoni ta' haddiem tax-xatt giet ormai superata b'mod sodisfacenti ghalkemm inordinatament dispendjuz ghal dak li hu tul ta' zmien effettivament mehud sakemm giet superata l-kwistjoni;

Ikkunsidrat:

Illi ghalhekk, rigward l-allegati danni riskontrati mill-atitudini diskriminatorja li l-qrati kompetenti ddikjaraw b'mod finali li sehhet fil-konfront tal-attrici Victoria Cassar mill-Bord de quo, jinghad sintetikament is-segwenti:

1. Illi in effetti l-attrici Cassar kienet tahdem mal-Bank of Valletta fil-grad ta' "*signority B*", (ara fol 229 et sequitur);

2. Illi missier l-attrici, Carmelo Abela, kien haddiem tax-xatt u rtira mix-xoghol fil-31 ta' Lulju, 1992;

3. Illi analizi tas-salarji percepiti mill-attrici Cassar fl-impjieg taghha mal-Bank de quo u dak percepit minn haddiem tax-xatt hu debitament analizzat kemm mill-istess attrici kif ukoll mir-rapprezentant tal-Bord tal-Haddiema tal-Port, u din il-qorti ghalhekk qed tistrieh fuq il-figuri minnhom esebiti stante li m'ghandhiex ragunijiet ghaliex m'ghandhiex tistrieh fuq l-istess figuri minnhom esebiti;

4. Illi ghalhekk jirrizulta assodat is-segwenti:

i. Illi s-salarju percepit minn haddiem tax-xatt hu aktar kospikwu minn dak li fih kienet impjegata l-attrici;

ii. Illi kif tajjeb espost mill-istess attrici, id-differenza finanzjarja bejn iz-zewgt'impjiegi fuq perjodu ta' sbatax (17) –il sena mill-1993 sal-2010 effettivament tammonta ghal mitejn u tmienja u tmenin elf, tmien mija u tmienja u sittin elf Ewro, (€288, 868.00);

iii. Illi l-argument sollevat mill-attrici rigwardanti l-possibilita` li hi setghet uzufruwiet ruhha minn skema tal-Bank de quo ghal irtirar kmieni hu wiehed ipotetiku, u konsegwentement qed jigi skartat;

iv. Illi pero`, s-somma minnha ndikata rigwardanti l-beneficcji ricevuti mill-haddiema tax-xatt, hu pertinenti u konsegwentement, l-istess ammont ta' tlieta u hamsin elf Ewro, (€53,000.00), minnha hawn indikat qed jigi kkonsidrat ai fini tad-danni finanzjarji minnha sofferti minhabba l-atitudini tal-konvenuti nomine kif epurata mill-qrati fuq gia` ndikati;

v. Illi l-ammont minnha wkoll rilevat rigwardanti l-istess differenza salarjali min issa sa meta tikkwalifika ghall-pensjoni hu wkoll rilevanti u ghalhekk, l-ammont ta' erba' mija u sebgha u hamsin elf u tlett mitt Ewro, (€457,300.00), qed jigu wkoll ikkunsidrati bhala danni subiti mill-attrici in konsegwenza tal-atitudini llegali u llegittima hekk riskontrata;

vi. Illi l-aggravji l-ohra finanzjarji sollevati mill-attrici ma jirrizultawx li huma affidabbli stante li jirrizultaw mhux biss ipotetici izda anke imgebbdin iz-zejjed;

vii. Illi ghalhekk l-ammont komplessiv ta' danni, (inkluz flimkien id-*damnum emergens* u *lucrum cessans*) fuq riferiti jammontaw ghal seba' mija u disgha u disghin elf, mija u tmienja u sittin Ewro, (€799,168.00);

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tas-suespost ghandu jigi ribadit bi kjarezza li d-danni fuq riskontrati huma naxxenti mill-atitudini xejn dinjituza mehuda mill-Bord in dizamina u mill-Awtorita` li issa assorbiet il-funzjonijiet tal-istess, li nonostante t-tlett decizjonijiet tad-diversi qrati fuq riferiti xorta baqghu jostakolaw lill-attrici u jzommuha milli tiehu dak li , bi dritt, hu taghha;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess filwaqt li tirrespingi r-risposta tal-konvenuti nomine fir-rigward, u li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg talbiet tal-atturi, takkolji t-tielet (3) u r-raba' (4) talbiet tal-atturi u konsegwentement:

1. Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici Victoria Cassar minhabba l-agir riskontrat tal-konvenut nomine fl-ammont ta' seba' mija u disgha u disghin elf, mija u tmienja u sittin Ewro, (€799,168.00);

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine fuq indikat biex ihallas l-ammont hekk likwidat indikat fil-paragrafu precedenti lill-atturi Victoria u Raymond konjugi Cassar kif fuq gia` debitament indikati;

3. Bl-ispejjez kif dedotti fic-citazzjoni promotrici kontra l-istess konvenut nomine u bl-imghaxijiet legali sal-effettiv pagament.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------